**A.L. 293 ta' l-2002**

## ATT DWAR L-AWTORITA' DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

### Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 14 ta' l-1982.

Jemenda It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Tabella IV tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: -

(a) fis-Sezzjoni D tagħha, minnufih wara l-kliem "mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta", għandhom jiżdiedu l-kliem "u mit-Terminal tal-Port tal-Baħar ta' Malta"; u

(b) minnufih fi tmiem is-Sezzjoni E tagħha, għandha tiżdied din is-Sezzjoni ġdida li ġejja:-

"F. Madankollu, t-tariffi li jirrigwardaw vjaġġi diretti għal dawn id-destinazzjonijiet li ġejjin, minkejja l-għadd ta' passiġġieri, bil-lejl u bi nhar, u b'tagħbija ta' sa erba' bagalji ta' qies normali, mit-Terminal tal-Port tal-Baħar ta' Malta, ikunu dawn li ġejjin:

| | Lm |
|---|---|
| **Żona Nru. 1:** Luqa - Kirkop - Safi - Gudja - Santa Luċija - Ħal Far | 6.00 |
| **Żona Nru. 2:** Valletta - Floriana - Pieta' - Ħamrun - Santa Venera - Guardamangia - Marsa - Albert Town - Qormi - Msida - Il-Port il-Kbir, mill-Belt Valletta | 4.00 |
| **Żona Nru. 3:** Żebbug - Siġġiewi - Għar Lapsi - Rabat - Dingli - Ta' Qali - Mdina | 8.00 |
| **Żona Nru. 4:** Paola - Fgura - Laboratory Wharf - Qasam Industrijali ta' Kordin - Għajn Dwieli - Tarxien | 5.00 |
| **Żona Nru. 5:** Cospicua - Kalkara - Senglea - Vittoriosa - Żabbar - Xgħajra - Marsaskala . | 7.00 |
| **Żona Nru. 6:** Żejtun - Għaxaq - Birżebbuġa - Marsaxlokk - Żurrieq - Qrendi - Mqabba | 7.00 |
| **Żona Nru. 7:** Sliema - Gżira - Kappara - Ta' Xbiex - San Ġiljan - Paceville - San Ġwann - Swieqi - St. Andrew's - Pembroke - Ta' l-Ibraġ - Birkirkara - Lija - Balzan - Attard -L-Iklin | 7.00 |
| **Żona Nru. 8:** Mosta - Naxxar - Għargħur - High Ridge - Madliena - Baħar iċ-Ċagħaq | 9.00 |
| **Żona Nru. 9:** Mġarr - Wardija - Burmarrad - Għajn Tuffieħa - Golden Bay - San Pawl il-Baħar - Buġibba - Qawra - Xemxija - Bidnija - Baħrija - Żebbiegħ | 10.00 |
| **Żona Nru. 10:** Mellieħa - Manikata . | 12.00 |
| **Żona Nru. 11:** Ċirkewwa - Armier - Marfa | 13.00.". |